## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 227/2022: **DANIEL CHIRCOP (KI. 474683M) IN RAPPREŻENTANZA TA' MUSHROOM AND MUSHROOM V. ANDREW VAZWANI (KI. 166071) GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' ALLISON MANAGEMENT LTD (C86044)**
(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GĦAS-SUBIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Marzu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Daniel Chircop in rappreżentanza tal-*parternship* Mushroom and Mushroom ("ir-rikorrent nomine") ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2022[1] li permezz tiegħu talab lil Andrew Vazwani għan-nom u in rappreżentanza ta' Allison Management Ltd ("l-intimat nomine") jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat mill-Qorti illi:

Tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' **sitt elef u ħames mitt ewro (€6,500)**, jew somma oħra verjuri li jogħġobha tillikwida din il-Qorti, liema somma ma teċċedix il-ħmistax-il elf Euro (€15,000.00), rappreżentanti ammont dovut għall-servizzi mogħtija lis-soċjeta' mir-rikorrenti, liema somma kellha titħallas f'ħames pagamenti rateali, u dan kif mifthiem fl-iskrittura privata ffirmata mill-partijiet, annessa u mmarkata bħala DOK A, oltrè l-VAT, interessi sal-pagament effettiv u spejjeż oħrajn inkluż l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment. L-intimati huma minn issa nġunti in subizzjoni.

wara li rat li bl-Ordni tagħha tal-20 ta' Ottubru 2022[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimat nomine sabiex

[1] Fol 1-13
[2] Fol 15-16

jippreżenta r-risposta tiegħu u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilu tar-rikors u tal-Ordni,

wara li rat li l-intimat nomine ġie notifikat bir-rikors promotur u bl-Ordni msemmija fit-2 ta' Novembru 2022[3],

wara li rat illi l-intimat nomine baqa' ma' daħħal l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilu,

wara li rat li bl-Ordni tagħha tad-19 ta' Diċembru 2022 il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegħ għal 21 ta' Frar 2023[4] u sussegwentement għat-13 ta' Marzu 2023[5],

wara li rat li l-partijiet kollha ġew notifikati bl-avviżi tas-smiegħ,

wara li rat illi l-intimat nomine naqas milli jidher għas-seduta tat-13 ta' Marzu 2023 u għalhekk bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti r-rikorrent nomine ppreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat nomine[6],

wara li rat illi l-intimat nomine għal darb' oħra naqas milli jidher fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023[7] f'liema seduta l-avukat difensur tar-rikorrent nomine kkonfermat bil-ġurament tagħha li l-ammont mitlub fir-rikors promotur għadu dovut,

wara li rat id-dokumenti kollha l-oħra esebiti fil-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrent nomine qed jitlob mill-intimat nomine il-ħlas tas-somma ta' € 6,500 jew somma oħra verjuri li jogħġobha tillikwida din il-Qorti li ma teċċedix il-kompetenza tagħha. Dan l-ammont jirrappreżenta ħlas dovut għal servizzi liema somma kellha titħallas f'ħames pagamenti rateali skond kif miftiehem b'kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Intalab ukoll l-imgħax legali u l-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mar-rikors..

2. L-intimat nomine, notifikat skond il-liġi, baqa' ma' daħħal l-ebda risposta u naqas milli jidher għas-seduta tat-13 ta' Marzu 2023[8].

[3] Fol 17 wara
[4] Fol 18
[5] Fol 22
[6] Fol 24
[7] Fol 25
[8] Fol 23

3. Kien għalhekk li fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 ir-rikorrent nomine ġie awtorizzat mill-Qorti sabiex jippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat nomine [9]. Fil-kapitolu, ir-rikorrent nomine talab lill-intimat nomine '*jipprova bil-ġurament li huwa debitur tar-rikorrent nomine fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimat nomine għas-27 ta' Marzu 2023.

4. L-intimat nomine għal darb' oħra naqas milli jidher fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 u dan sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrent nomine.

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-intimat nomine f'din il-kawża**

5. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

> «171 (2). *Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.* »

6. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

> « 215. *Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.* »

7. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

> « 702 (1). *Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.* »

8. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

> « *699 (1). Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.*
>
> *(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati*»

[9] Fol 23

9. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> « 713. *Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.* »

10. It-talba għas-subizzjoni tal-intimat nomine saret mir-rikorrent nomine kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023.

11. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

> « 702 (3)(b) … *il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.* »

12. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat nomine fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 sabiex l-intimat nomine jwieġeb għad-domanda tar-rikorrent nomine.

13. Meta fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 l-intimat nomine naqas għal darb' oħra milli jidher sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrent nomine huwa effettivament ammetta illi huwa debitur tar-rikorrent nomine fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

14. Fil-kawża **<u>Anthony Borg v. Samwel Veneziani</u>** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

> « *din iċ-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.* »

**Provi**

15. Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023[10] l-avukat difensur tar-rikorrent nomine kkonfermat bil-ġurament tagħha li l-ammont mitlub fir-rikors promotur għadu dovut.

**Kunsiderazzjonijiet**

16. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **<u>Noel Sultana v. Tony Xerri</u>** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> « *... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process.* »

17. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **<u>James Trapani v. Vincent Cilia</u>** (28.04.2000) illi:

> « *ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti.* »

18. Mill-assjem tal-provi mressqa il-Qorti hija sodisfatta għalhekk li l-intimat nomine huwa tabilħaqq debitur tar-rikorrent nomine fl-ammont totali ċert, likwidu u dovut ta' sitt elef u ħames mitt euro (€ 6,500).

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent nomine u**

    1. **Tiddikjara li l-intimat nomine huwa debitur tar-rikorrent nomine fis-somma ta' sitt elef u ħames mitt euro (€ 6,500) oltre l-VAT rappreżentanti ammont dovut għal servizzi mogħtija lilu mir-rikorrent nomine liema somma kellha titħallas f'ħames pagamenti rateali kif miftiehem fl-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet.**

[10] Fol 25

2. **Tikkundanna lill-intimat nomine jħallas lir-rikorrent nomine dan l-ammont flimkien mal-imgħax legali kif ġej:**

   i. **kwantu għall-imgħax fuq is-somma ta' € 1,300 (eskluż il-VAT) li kellha titħallas bħala depożitu fit-28 ta' Jannar 2022, dan għandu jkun dekoribbli mit-28 ta' Frar 2022 sad-data tal-effettiv pagament bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena,**

   ii. **kwantu għall-imgħax fuq is-somma ta' €1,300 (eskluż il-VAT) li kellha titħallas fl-1 ta' April 2022, dan għandu jkun dekoribbli mill-1 ta' Mejju 2022 sad-data tal-effettiv pagament bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena,**

   iii. **kwantu għall-imgħax fuq is-somma ta' €1,300 (eskluż il-VAT) li kellha titħallas fl-1 ta' Mejju 2022, dan għandu jkun dekoribbli mill-1 ta' Ġunju 2022 sad-data tal-effettiv pagament bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena,**

   iv. **kwantu għall-imgħax fuq is-somma ta' €1,300 (eskluż il-VAT) li kellha titħallas fl-1 ta' Ġunju 2022, dan għandu jkun dekoribbli mill-1 ta' Lulju 2022 sad-data tal-effettiv pagament bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena,**

   v. **kwantu għall-imgħax fuq is-somma ta' €1,300 (eskluż il-VAT) li kellha titħallas fl-1 ta' Lulju 2022, dan għandu jkun dekoribbli mill-1 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-effettiv pagament bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.**

3. **Fir-rigward tal-ispejjeż kif mitluba dawn jkunu a karigu tal-intimat nomine.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur